**DIPARTIMENT TAS-SIGURTA` SOĊJALI**

Id-Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali huwa responsabbli mill-amministrazzjoni tal-Att dwar is Sigurtà Soċjali (Kap 318) li jipprovdi għall-pagamenti tal-benefiċċji taħt l-iskemi kemm dawk kontributorji kif ukoll mhux kontributorji. B'xi mod jew ieħor dawn l-iskemi jolqtu l-biċċa l-kbira tal-popolazzjoni kollha tal-gżejjer Maltin. Il-ħidma tad-Dipartiment tiżgura li jingħata sapport finanzjarju lil dawk is-sezzjonijiet tal-komunità li huma l-aktar vulnerabbli u li għandhom bżonn l-aktar għajnuna fosthom dawk bi dħul baxx, il-morda, l-anzjani u dawk li m'għandhomx xogħol.

**Spiża Totali**

L-ispiża totali fuq benefiċċji tas-Sigurtà Soċjali matul is-sena 2015 laħqet is-somma ta' €868.3 miljun li turi żieda ta' €15.4 miljun fuq is-sena ta' qabel.

It-tabella li jmiss turi l-ispiża totali li tħallset kemm taħt l-iskema tal-benefiċċji kontributorji kif ukoll taħt l-iskema tal-benefiċċji mhux kontributorji, skont it-tip ta' benefiċċju mħallas taħt l-Att dwar is-Sigurtà Soċjali (Kap 318) tal-Liġijiet ta' Malta.

| **Tip ta' Benefiċċju** | **2014 ATTWALI** | **2015 ATTWALI** | **(+or-)** |
|---|---|---|---|
| | EUR | EUR | |
| Pensjonijiet Relatati mal-Irtirar | 424,427,439 | 444,805,598 | 20,378,159 |
| Pensjonijiet Relatati mal-Invalidità | 25,497,714 | 24,331,923 | -1,165,791 |
| Pensjonijiet Relatati mar-Romol | 116,748,275 | 118,917,739 | 2,169,464 |
| Benefiċċji Relatati mal-Korriment | 1,591,553 | 1,562,827 | -28,726 |
| Benefiċċji Relatati ma' Diżimpjieg | 2,308,149 | 1,682,290 | -625,859 |
| Allowance tat-Tfal | 51,435,318 | 41,662,470 | -9,772,848 |
| Benefiċċju tal-Maternità | 3,006,472 | 3,327,017 | 320,545 |
| Benefiċċju tal-Mard | 6,555,992 | 6,412,857 | -143,135 |
| Allowance tal-Orfni | 89,258 | 83,485 | -5,773 |
| Għotja taż-Żwieġ | 849,047 | 880,668 | 31,621 |
| Bonus | 64,554,224 | 66,195,240 | 1,641,016 |
| TOTAL (1) | 697,063,441 | 709,862,114 | 12,798,673 |
| Pensjonijiet Relatati mal-Età/Vista Batuta | 23,258,600 | 23,519,964 | 261,364 |
| Pensjonijiet Relatati ma' Diżabilità | 12,786,147 | 14,057,726 | 1,271,579 |
| Għajnuna Soċjali | 79,647,591 | 75,936,609 | -3,710,982 |
| Allowance għal Tfal b'Diżabilità | 1,320,762 | 1,271,479 | -49,283 |
| Għajnuna Medika | 18,842,373 | 18,239,016 | -603,357 |
| Bonus | 11,110,316 | 10,280,121 | -830,195 |
| Allowance Supplimentari | 8,879,049 | 7,374,837 | -1,504,212 |
| Benefiċċju Għotja għall-Ulied | xejn | 7,836,130 | 7,836,130 |
| TOTAL (II) | 155,844,838 | 158,515,882 | 2,671,044 |
| **GRAND TOTAL (1) + (II)** | **852,908,279** | **868,377,995** | **15,469,716** |

**Skema Kontributorja**

Id-dħul totali miġbur matul is-sena 2015, bis-saħħa tal-Att dwar is-Sigurtà Soċjali (Kap 318) kien ta' €739,583,039 li huwa żieda ta' €40,391,742 fuq is-sena ta' qabel.

Dawn il-figuri kienu mqassmin kif jidher f'dan it-tabella hawn taħt:

| Tip ta' Kontribuzzjoni | 2014 | 2015 | (+ or -) |
|---|---|---|---|
| Kontribuzzjoni tas-Sigurtà Soċjali | 463,055,435 | 489,675,187 | 26,619,752 |
| Kontribuzzjoni Addizzjonali | 4,608,144 | 5,070,259 | 463,115 |
| Kontribuzzjoni tal-Istat | 231,527,718 | 244,837,593 | 13,309,875 |
| Total | 699,191,297 | 739,583,039 | 40,391,742 |

**Pensjonijiet Kontributorji**

It- tabella izjed 'l isfel turi n-numru ta' persuni li kienu qegħdin jirċievu Pensjoni Kontributorja matul is-sena 2015. Bħal fis-snin imgħoddija reġa' kien hemm żieda fin-numru ta' pensjonanti. Fil-fatt iż-żieda netta għas-sena 2015 fuq 2014 hi ta' 2.42%. Bħala riżultat tad-diskors tal-baġit għas-sena 2015, il-pensjonanti kollha ġew mogħtija r-rata sħiħa taż-żieda tal-għoli tal-ħajja li kienet ta' €0.58 fil-ġimgħa. Bħal fis-snin imgħoddija, żewġ terzi (€0.39) ġew miżjuda mar-rata tal-pensjoni ta' kull ġimgħa u t-terz l-ieħor li jammonta għal €0.19c tħallas flimkien mar-rata ta' kull ġimgħa tal-pensjoni.

Bħal fis-snin preċedenti d-dħul pensjonabbli massimu għal skopijiet tas-Sigurtà Soċjali ġie għal darb'oħra miżjud bl-ammont taż-żieda mogħti għall-għoli tal-ħajja sabiex laħaq l-ammont ta' €17,842.

**Pensjonijiet Kontributorji**

| Tip ta' Pensjoni | 2014 | 2015 | + or - |
|---|---|---|---|
| Pensjoni tal-Irtirar | 7,266 | 7,104 | -162 |
| Pensjoni tal-Irtirar Miżjuda | 1,166 | 1,030 | -136 |
| Pensjoni Minima Nazzjonali tal-Irtirar | 8,560 | 8,763 | 203 |
| Pensjoni Minima Nazzjonali Mnaqqsa | 99 | 88 | -11 |
| Pensjoni Minima Nazzjonali għall-Irtirar Miżjuda | 2,973 | 2956 | -17 |
| Pensjoni taż-Żewġ Terzi | 41,431 | 43,557 | 2,126 |
| Pensjoni tal-Invalidità | 371 | 299 | -72 |
| Pensjoni tal-Invalidità Miżjuda | 137 | 137 | 0 |
| Pensjoni Minima Nazzjonali għall-Invalidità | 4,553 | 4,371 | -182 |
| Pensjoni Minima Nazzjonali għall-Invalidità Mnaqqsa | 6 | 6 | 0 |
| Pensjoni għar-Romol li għandhom Pensjoni tas-Servizz | 300 | 291 | -9 |
| Pensjoni Minima Nazzjonali għar-Romol | 7,724 | 7,723 | -1 |
| Pensjoni ta' Superstiti *(Early Survivor's)* | 1,655 | 1,701 | 46 |
| Pensjoni ta' Superstiti | 7,189 | 7,445 | 256 |
| Pensjoni għall-Korriment fuq ix-Xogħol | 296 | 283 | -13 |
| *Allowance* tal-Orfni | 19 | 17 | -2 |
| **TOTAL** | **83,745** | **85,771** | **2,026** |

**Mizuri ta' Simplifikazzjoni fil-Pensjonijiet Kontributtorji**

Matul is-sena 2015 daħlu fis-seħħ diversi miżuri ta' simplifikazzjoni fuq diversi benefiċċji kontributorji. L-għan ewlieni kien li jingħata servizz aktar effiċjenti u fl-istess ħin qsar ukoll il-proċess amministrattiv.

Bis-saħħa ta' dan it-tibdil persuni li jkunu ser jilħqu l-età tal-pensjoni qegħdin jirċievu ittra ta' notifikazzjoni li tinfurmahom li jista' jkollhom dritt għal Pensjoni għall-Irtirar u għalhekk ma għadx hemm il-bżonn li jagħmlu talba għal tali pensjoni.

Fir-rigward ta' dawk il-persuni li jormlu u li jkollhom dritt għal Pensjoni għar-Romol qegħda tintbgħat ittra ta' notifikazzjoni fi żmien ħmistax-il ġurnata mid-data tal-mewt fejn tinfurmahom bid-dritt tagħhom għall-pensjoni msemmija u għalhekk ma għadx hemm il-bżonn li ssir talba għal Pensjoni għar-Romol.

Il-proċess ta' simplifikazzjoni jinkludi wkoll it-talbiet għal Pensjoni għall-Invalidità fejn issa hu possibbli li t-talba issir *on-line* kif ukoll talbiet għal Pensjoni għall-Irtirar minn persuni li jagħżlu li jirtiraw hekk kif jilħqu l-eta ta' 61 sena.

Miżura ta' simplifikazzjoni oħra hi dik li qassret iż-żmien li fih toħroġ ir-rifuzjoni ta' tnaqqis li jseħħ mill-pensjoni fir-rigward ta' każijiet fejn is-servizz tal-*home help* għal xi raġuni jew oħra ma jingħatax. Fil-fatt fejn qabel l-introduzzjoni ta' din il-miżura, iż-żmien li kien jgħaddi sabiex tingħata r-rifuzjoni lil pensjonant kien ta' madwar sena, issa qsar għal tlett xhur biss.

### Talbiet ġodda għal Pensjoni

Matul is-sena 2015 is-sessjoni tal-pensjonijiet fi ħdan id-Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali kompliet tipproċessa talbiet ġodda ta' pensjonijiet għall-Irtirar, għar-Romol u għall-Invalidità. Fil-fatt in-numru ta' talbiet ġodda għal Pensjoni għal min jirtira kien ta' 3,935 li jirrappreżenta żieda ta' 353 talba ġdida fuq is-sena 2014. In-numru ta' talbiet ġodda għal Pensjoni għar-Romol kien ta' 1,066 li jirrappreżentaw tnaqqis ta' 12-il talba ġdida fuq is-sena 2014, filwaqt illi n-numru ta' talbiet ġodda għal Pensjoni għall-Invalidità kien ta' 448 li jirrappreżenta tnaqqis ta' 46 talba ġdida fuq is-sena 2014.

### Reviżjonijiet tal-pensjoni

Matul l-istess sena saru wkoll reviżjonijiet marbuta mal-pensjonijiet għall-Irtirar, għar-Romol u għall-Invalidità bis-saħħa tal-ftehim kollettivi għall-impjegati fis-settur pubbliku għas-sena 2015 kif ukoll bis-saħħa tal-miżura tal-baġit li biha ngħatat iż-żieda għall-għoli tal-ħajja. Barra minn hekk, permezz tal-miżura tal-pensjonijiet tas-servizz saret ukoll reviżjoni sabiex jiġu injorati €200 mill-pensjoni tas-servizz u li bis-saħħa tagħha total ta' 4,830 pensjonant ibbenefikaw minn rata ogħla ta' pensjoni.

### Revizjonijiet oħra

Bis-saħħa ta' miżura oħra mħabbra fil-badġit għas-sena 2015 bdew isiru reviżjonijiet oħra ta' każijiet li ġew imqabbla mal-istruttura tas-salarji tal-Gvern u sal-aħħar tas-sena bbenefikaw 615-il pensjonant. Reviżjonijiet oħra li nħaddmu matul is-sena 2015 kienu ta' pensjonanti li qegħdin f'Istituzzjoni Statali għall-Anzjani fejn bħal fis-snin imgħoddija tiġi riveduta r-rata ta' tnaqqis mill-pensjoni li tkun dovuta lill-Istituzzjoni.

### Benefiċċji Short Term

### Simplifikazzjoni

Is-sena 2015 rat diversi proċessi ta' simplifikazzjoni fir-rigward ta' applikazzjonijiet għal Benefiċċju għall-Korriment, għall-Għotja taż-Żwieġ u għall-Benefiċċju għall-Maternità u għall-Benefiċċju għal-*Leave* tal-Maternità, sabiex issa dawn jistgħu jsiru *on-line*. Persuni li jużaw e-ID jistgħu faċilment japplikaw għall-benefiċċji msemmija hawn fuq, filwaqt illi persuni li ma

għandhomx e-ID jistgħu jirrikorru f'wieħed mill-Uffiċċji Distrettwali fejn it-talba tagħhom tiġi pproċessata *online* mill-uffiċjali stess tal-Uffiċċju Distrettwali.

**Ipproċessar ta' talbiet ġodda**

Matul is-sena 2015, is-sezzjoni tal-Benefiċċji *Short-term* (STB) f'Għawdex kompliet bl-ipproċessar ta' talbiet ġodda għal Benefiċċji tal-Mard, Benefiċċji tal-Qgħad u Benefiċċju għal Korriment fuq ix-Xogħol. It-tabella iżjed 'l isfel turi tnaqqis fin-numru ta' talbiet reġistrati fuq is-sena 2014 fir-rigward ta' Benefiċċji tal-Qgħad u għal Korriment fuq ix-Xogħol filwaqt illi turi żieda fit-talbiet għal Benefiċċji għal Mard u għall-Għotja għaż-Żwieġ.

Bħal fis-snin preċedenti, is-sezzjoni ġewwa Għawdex għal darb'oħra irnexxielha toħroġ ir-reviżjonijiet annwali tal-*Allowance* Supplimentari fil-ħin. In-numru totali ta' talbiet għall-*Allowance* Supplimentari riveduti kienu jammontaw għal 25,800 li minnhom 23,283 kienu reviżjonijiet li jaċċertaw dritt għas-sena 2016 filwaqt illi 2,517 kienu talbiet minħabba bidla fl-istatus għas-snin 2014/2015.

In-numru totali ta' applikazzjonijiet għall-Għotja taż-Żwieġ matul l-2015 kien ta' 3,235.

Is-Sezzjoni kompliet ukoll bl-ipproċessar tal-applikazzjonijiet għall-Benefiċċju tal-Enerġija fejn daħlu total ta' 1,212-il applikazzjoni ġdida li ġew evalwati fejn it-tnaqqis relattiv kien direttament magħmul minn kontijiet tal-ARMS Ltd permezz tas-sistema l-ġdida li eliminat l-użu tal-vawċers. Madwar għaxar pagamenti oħra kienu wkoll maħruġa lill-istituzzjonijiet tal-karità.

Is-sezzjoni ħarġet ukoll 326 vawċer tas-sistema ta' qabel li kienu skadew u wkoll ħadu azzjoni fuq 284 każ li ġew riferuti mid-Dipartiment għall-Investigazzjoni ta' Frodi ta' Benefiċċji.

Il-*Call Centre* f'Għawdex permezz tat-telefown 2590300, li huwa mmexxi minn persuni mħarrġa biex iwettqu servizz ta' tagħrif u *customer care,* wieġbu 67,021 sejħa minn diversi benefiċjarji tad-Dipartiment matul 2015.

Inħarġu ukoll Eżenzjonijiet ta' Ċertifikati għal *Carer* matul is-sena 2015 li ammontaw għal 67.

**Benefiċċji *Short-Term***

| | Numru ta' Talbiet | | |
|---|---|---|---|
| **Tip ta'Benefiċċju** | **2014** | **2015** | **+ or -** |
| Benefiċċju tal-Mard | 123,921 | 129,133 | 5,212 |
| Benefiċċju għal Diżimpjieg | 17,421 | 12,566 | -4855 |
| Benefiċċju Speċjali għal Diżimpjieg | 810 | 548 | -262 |
| Benefiċċju għal Korriment fuq ix-Xogħol | 3,142 | 3,039 | -103 |
| Għotja taż-Żwieġ | 3,301 | 3,494 | 193 |
| **TOTAL** | **148,595** | **148,780** | **185** |
| **Tip ta' Ċertifikat Mediku** | **2014** | **2015** | **+or -** |
| Bidu/Tmiem (anqas minn 4 ijiem) | 77,125 | 81,499 | 4,374 |
| Bidu/Tmiem (minn 4 sa 6 ijiem) | 27,782 | 28,279 | 497 |
| Bidu (Miftuħ) | 19,014 | 19,355 | 355 |
| Intermedju | 90,714 | 87,942 | -2772 |
| Tmiem | 17,161 | 17,104 | -57 |
| **TOTAL** | **231,796** | **234,172** | **2,383** |

**Allowances tat-Tfal u l-Benefiċċji oħra tal-Familja**

**Simplifikazzjoni tal-Proċessi**

Is-sena 2015 kienet sena importanti li fiha beda proċess ta' simplifikazzjoni tal-proċessi tal-*Allowance* għat-Tfal u b'hekk il-proċess li jwassal għal pagament tal-benefiċċju dovut sar inqas burokratiku. Dan kien possibbli bis-saħħa ta' xogħol li beda fis-sena 2014 b'diversi laqgħat ta' kordinazzjoni mar-Reġistru Pubbliku li rriżulta fis-simplifikazzjoni ta' talbiet ġodda fejn kull tarbija mwielda reġistrata f'Malta awtomatikament bdiet tiġi eliġibbli għall-inqas rata ta' *Allowance* għat-Tfal u mbagħad ir-rata tiġi aġġustata b'mod manwali jekk id-dħul tal-familja ikun inqas mil-limitu stabbilit.

Il-proċess ta' simplifikazzjoni tkompla fir-rigward tat-talbiet ta' revizjoni ta' kull sena billi b'effett mis-sena 2015, is-sena ta' stima ġiet immexxija minn Lulju 2015 sa Ġunju 2016 għal Jannar 2016 sa Diċembru 2016. Dan it-tibdil twettaq sabiex jitneħħa l-bżonn li persuna tagħmel talba għal reviżjoni kull sena u minflok bdiet tinġieb l-informazzjoni tad-dħul tal-benefiċjari direttament mid-Dipartiment tat-Taxxi Interni b'mod elettroniku. Il-proċess ta' reviżjoni u ta' ħlas kien għalhekk simplifikat u r-rati dovuti għal perjodu Jannar sa April 2016 tħallsu b'suċċess f'Diċembru 2015.

Fl-istess sena twettqu wkoll miżuri ta' simplifikazzjoni tal-proċessi ta' applikazzjoni għall-Benefiċċju tal-Maternità u l-Benefiċċju għal-*Leave* tal-Maternità billi l-applikazzjonijiet għal dawn il-benefiċċji saru kompletament aċċessibbli *on-line*. Persuni li għandhom l-e-ID jistgħu faċilment japplikaw għall-benefiċċji msemmija hawn fuq direttament minn darhom filwaqt li dawk li ma għandhomx e-ID jistgħu jirrikorru f'wieħed mill-Uffiċċji Distrettwali fejn jiġu megħjuna jagħmlu l-applikazzjoni tagħhom *on-line.*

**Allowance għat-Tfal**

Matul is-sena 2015 is-sezzjoni tal-*Allowance* għat-Tfal f'Għawdex irrivediet ir-rata tal-każijiet li kienu qegħdin jitħallsu sabiex jiġu stabbiliti r-rati l-ġodda għall-*Allowance* għat-Tfal għas-sena benefiċjarja minn Lulju 2014 sa Diċembru 2015.

Fl-2015, total ta' 26,001 benefiċjarju kienu mħallsa l-inqas rata (CAFR) permezz tal-proċess awtomizzat filwaqt li 16,913-il benefiċjarju tħallsu rata ibbazata fuq it-test tad-dħul biex b'kollox tħallsu total ta' 42,914-il benefiċċjarju. Fil-fatt it-tabelli izjed 'l isfel, bħal fis-snin preċedenti juru tnaqqis fin-numru ta' benefiċċjarji li jitħallsu rata bbazata fuq it-test tad-dħul filwaqt illi juru żieda ta' benefiċjarji li qegħdin jirċievu l-inqas rata.

Matul l-2015 is-sezzjoni irċeviet u pproċessat 1,247 talba ġdida, 175 talba minħabba separazzjoni, 310 fejn inbiddel l-istatus tal-applikant u 3,952 talba għal aġġustament fir-rata minħabba bidla fiċ-ċirkustanzi tal-familja bħal żieda fin-numru ta' tfal u t-terminazzjoni tal-impjieg. Dawn l-aġġustamenti jeħtieġu reviżjoni apparti r-reviżjoni annwali indikata fil-paragrafu preċedenti.

| **Numru ta' Familji li bbenifikaw mill-*Allowance* għat-Tfal skont it-Test tal-Mezzi** | | | |
|---|---|---|---|
| **Tip ta' *Allowance*** | **2014** | **2015** | **(+ or -)** |
| (a) *Allowance* għat-Tfal biss: | | | |
| (i) Wild wieħed eliġibbli | 10,218 | 9,654 | -564 |
| (ii) Żewġ ulied eliġibbli | 5,841 | 5,373 | -468 |
| (iii) Tlett ulied eliġibbli | 1,541 | 1,463 | -78 |
| (iv) Erbat ulied jew iżjed eliġibbli | 447 | 423 | -24 |
| **TOTAL** | **18,047** | **16,913** | **-1,134** |

| **Numru ta' Familji li bbenefikaw mill-inqas rata ta' *Allowance* għat-Tfal** | | | |
|---|---|---|---|
| **Tip ta' *Allowance*** | **2014** | **2015** | **(+ or -)** |
| (i) Wild wieħed eliġibbli | 12,664 | 13,667 | 1,003 |
| (ii) Żewġ ulied eliġibbli | 9,746 | 10,351 | 605 |
| (iii) Tlett ulied eliġibbli | 1,689 | 1,731 | 42 |
| (iv) Erbat ulied jew iżjed eliġibbli | 250 | 252 | 2 |
| TOTAL | **24,349** | **26,001** | **1,652** |

| Numru ta' familji li jirċievi *Allowance* għal Tfal b'Diżabilità | | | |
|---|---|---|---|
| **Tip ta' Benefiċċju** | **2014** | **2015** | **+ or -** |
| *Allowance* għal Tfal b'Diżabilità | 1,019 | 1,166 | 147 |
| **TOTAL** | 1,019 | 1,166 | 147 |

| Numru ta' talbiet għall-Benefiċċju tal-Maternità u għall-Benefiċċju għal-*Leave* tal-Maternità | | | |
|---|---|---|---|
| **Tip ta' Benefiċċju** | **2014** | **2015** | **+ or -** |
| Benefiċċju għal-Leave tal-Maternità | 1,365 | 1,496 | 131 |
| Benefiċċju tal-Maternità | 2,002 | 2,663 | 661 |
| **TOTAL** | **3,367** | **4,159** | **792** |

**Benefiċċju tal-Maternità**

Matul is-sena msemmija waslu total ta' 2,029 talba għall-Benefiċċju tal-Maternità (MB) u 2 talbiet kienu relatati ma' addozzjoni.

**Leave tal-Maternità Benefiċċju**

Talbiet għall-Benefiċċju għal-*Leave* tal-Maternità (MLB) waslu 1,555. Barra minn hekk ġew ipproċessati wkoll 2 talbiet relatati ma' addozzjoni.

**Allowance għal Tfal b'Diżabilità**

Matul is-sena 2015 waslu wkoll 259 applikazzjoni ġdida għal dan il-benefiċċju. 177 minn dawn it-talbiet ġew aċċettati filwaqt illi 31 ġew rifjutati mill-Bord Mediku. Fi tmiem l-2015 kien għad hemm 49 talba pendenti għal eżami quddiem il-Bord Mediku. Matul l-istess sena kien hemm ukoll 240 talba minn benefiċċjarji kurrenti sabiex issir revizjoni mill-Bord Mediku. It-total ta' benefiċċjarji DCA sa tmiem 2015 kien għal 1,166.

***Foster Care Allowance***

21 dar / istituti li flimkien jieħdu ħsieb medja ta' 140 tifel u/jew tifla tħallsu ammont totali ta' €511,140 bħala *Foster Care Allowance*. It-total tal-benefiċjarji FCA (istituzzjonijiet/djar/familji li jiffosterjaw) għas-sena 2015 jammonta għal 248.

**Sezzjoni Ġbir ta' Benefiċċji Mħallsa Żejda**

Is-sezzjoni inkarigata mix-xogħol sabiex jinġabru ħlasijiet ta' benefiċċji żejda matul is-sena 2015 kompliet issegwi u tirkupra pagamenti żejda jew pendenti mill-benefiċjarji debituri varji. Twettaq ukoll xogħol meħtieġ fir-Reġistru Pubbliku biex jinstabu testmenti u werrieta tad-debituri mejtin. Debituri li jaslu għal ftehim li jħallsu d-dejn b'rati fix-xahar huma wkoll immonitorjati perjodikament. L-Uffiċjal Legali fi ħdan l-istess sezzjoni jipprovdi pariri lis-sezzjoni kontra individwi li deliberatament jonqsu li jaslu għal ftehim ta' ħlas b'lura.

Matul 2015 is-sezzjoni bagħtet 4,481 ittra ta' intimazzjoni, wettqet 109 tfittxijiet fir-Reġistru Pubbliku u 223 *causa mortis* mid-Dipartiment tat-Taxxi Interni. Is-sezzjoni kienet kważi kompletament responsabbli għall-irkupru ta' €2,349,044.84. Din hija żieda ta' 48.4% f'termini ta' ittri ta' intimazzjoni mibgħuta; tnaqqis żgħir ta' -0.49% f'termini ta' tiftix; u żieda ta' 14.2% fi djun irkuprati minn riżultati miksuba matul is-sena 2014. L-Uffiċjal Legali ħareġ ukoll 236 Ittra Ġudizzjarja u 36 applikazzjoni għal notifika wara żmien legali ta' Ittri Ġudizzjarji.

**Skema tal-Pensjonijiet mhux Kontributorji**

In-numru ta' persuni li bbenefikaw mill-Pensjoni tal-Età mhux Kontributorja żdiedu b'1.62 punti perċentwali matul is-sena 2015 fuq is-sena 2014. Il-miżura tal-Baġit 2015, fejn persuni b'diżabilità setgħu jibbenefikaw mill-Pensjoni għal Diżabilità Intellettwali, Severa jew Vista Batuta, u l-paga minn xogħol ma tiġix magħduda fit-test tal-mezzi, żiedet l-ammont ta' benefiċjarji. Fil-fatt in-numru ta' benefiċjarji tal-Pensjonijiet għal Diżabilità żdiedu b'10.21 punti perċentwali fuq is-sena 2014. In-numru ta' persuni li bbenfikaw mill-Pensjoni tal-Wens matul is-sena 2015 naqsu bi 8.22 punti percentwali fuq is-sena 2014.

| **Tip ta' Pensjoni/*Allowance*** | **2014** | **2015** | **+ or -** |
|---|---|---|---|
| Pensjoni tal-Età | 5,354 | 5,442 | 88 |
| Pensjoni għal Persuna b'Vista Batuta | 245 | 282 | 37 |
| Pensjoni għal Diżabilità/Severa | 2,550 | 2,831 | 281 |
| Pensjoni tal-Wens | 146 | 134 | -12 |
| **TOTAL** | **8,295** | **8,689** | **394** |

**Għajnuna Soċjali, Għajnuna għal Mard, Tnaqqis Gradwali tal-Benefiċċji u Għajnuna Supplimentari**

In-numru ta' persuni li bbenfikaw mill-Għajnuna Soċjali għal Diżimpjieg naqas drastikament matul is-sena 2015. Fil-fatt il-benfiċjarji matul is-sena 2015 naqsu bi 17.43 punti perċentwali

fuq is-sena 2014. Waħda mir-raġunijiet ta' dan it-tnaqqis hija l-introduzzjoni u t-tisħiħ tal-iskema tat-Tnaqqis Gradwali tal-Benefiċċji f'baġits suċċessivi, 2014 u 2015. Barra minn hekk l-introduzzjoni tal-*In Work Benefit* għen ukoll għal dan it-tnaqqis pożittiv. In-numru ta' persuni li bbenefikaw mill-Għajnuna Soċjali naqas ukoll drastikament matul is-sena 2015. Fil-fatt il-benefiċċjarji matul is-sena 2015 naqsu bi 18.52 punti perċentwali fuq is-sena 2014. Bħalma ġie mfisser fil-paragrafu ta' qabel, dan it-tnaqqis huwa parti minnu dovut għall-introduzzjoni u tisħiħ tal-iskema tat-Tnaqqis Gradwali tal-Benefiċċji f'baġits suċċessivi, 2014 u 2015 u kif ukoll għall-qalba ta' benefiċċjarji għall-*Subsidiary Unemployment Assistance* minn Għajnuna Soċjali kif huwa mfisser fil-paragrafi li ġejjin. L-introduzzjoni tal-*In Work Benefit* huwa fattur ieħor li wassal għal dan it-tnaqqis pożittiv.

In-numru ta' persuni li bbenefikaw mill-Għajnuniet għal Mard matul is-sena 2015 naqsu bi 2.82 punti perċentwali fuq is-sena 2014. Filwaqt illi l-benefiċċjarji tal-Għajnuna Supplimentari matul is-sena 2015 naqsu bi 3.92 punti perċentwali fuq is-sena 2014. Is-*Subsidiary Unemployemnt Assistance* tingħata lil dawk il-persuni li jitolbu l-ażil u jingħataw l-istatus ta' Protezzjoni Sussidjarja. Dan il-benefiċċju jissejjaħ *core benefit* skont l-Avviżi Legali fir-rigward. Sat-tielet kwart tas-sena 2014, dan il-benefiċċju kien jitħallas taħt l-Għajnuna Soċjali (SA) u għalhekk ma kienx ikkwalifikat b'*benefit type* fis-sistema kompjuterizzata. Għaldaqstant kienet ittieħdet id-deċizjoni illi dawn il-benefiċjarji jiġu mħallsa taħt *Subsidiary Unemployment Assistance*. Din il-qalba bdiet isseħħ matul l-aħħar xahrejn tal-2014 u għalhekk in-numri li jidhru fit-tabella ta' hawn taħt għas-sena 2014 ma jirriflettux l-ammonti propja għal dik is-sena partikolari. Studju tan-numru ta' benefiċjarji ta' dan il-benefiċċju matul is-sena 2015 juri stabbilità matul ix-xhur kollha tas-sena. L-iskema tat-Tnaqqis Gradwali tal-Benefiċċji ġiet introdotta matul is-sena 2014, u kompliet tiġi msaħħa matul is-sena 2015. Iż-żieda fil-benefiċjarji mill-2014 għall-2015 hija nota pożittiva għaliex dan ifisser illi l-persuni li qiegħdin jibbenefikaw minn din l-iskema bdew jipparteċipaw fid-dinja tax-xogħol u għalhekk ma baqghux jiddependu mill-benefiċċji soċjali. In-numru ta' benefiċjarji matul is-sena 2015 żdiedu bi 72.09 punti perċentwali fuq is-sena 2014.

| **Tip ta' Benfiċċju Soċjali**<br>*Għajnuna Soċjali tfisser SA/SAF/SUP/DAD | **2014** | **2015** | **+or-** |
|---|---|---|---|
| Għajnuna Soċjali għal Diżimpjieg | 5,713 | 4,717 | -996 |
| Għajnuna Soċjali* | 13,950 | 11,367 | -2,583 |
| Għajnuna għal Mard | 13,635 | 13,253 | -382 |
| Għotja għal Ħalib | 108 | 105 | -3 |
| Għajnuna dwar il-Lebbra | 34 | 32 | -2 |
| Għajnuna dwar it-Tuberkolozi | 1 | 0 | -1 |
| Għajnuna Supplimentari | 25,816 | 24,802 | -1,014 |
| *Subsidiary Unemployment Assistance* | 1,406 | 2,432 | 1,026 |
| Tnaqqis Gradwali tal-Benefiċċji | 587 | 2,103 | 1,516 |
| **TOTAL** | **61,250** | **58,811** | **-2,439** |

**Miżuri ġodda fil-Benefiċċji mhux Kontributorji 2015**

**Tnaqqis Gradwali tal-Benfiċċji Soċjali**

Matul is-sena 2014 ġiet introdotta l-iskema tat-Tnaqqis Gradwali tal-Benefiċċji Soċjali, fejn persuni li kien ilhom jirċievu Għajnuna Soċjali għal sentejn fl-aħħar tlett snin u jidħlu fid-dinja tax-xogħol b'Paga Minima Nazzjonali jew iżjed fil-ġimgħa, kellhom id-dritt li jibqgħu jibbenefikaw minn 65% tal-benefiċċju fl-ewwel sena, 45% tal-benefiċċju fit-tieni sena u 25% tal-beneficcċċju fit-tielet sena. Min iħaddem ikollu dritt għal 25% tal-benefiċċju għal tlett snin sħaħ.

Fl-2015, din l-iskema ġiet imsaħħa, fejn ġenituri li jkunu jrabbu waħidhom (*single parents*), ingħatalhom id-dritt li jibbenefikaw minn 65% tal-benefiċċju fl-ewwel sena, 45% tal-benefiċċju fit-tieni sena u 25% tal-benefiċċju fit-tielet sena. Dan id-dritt ingħata rrispettivament minn kemm il-persuna tkun ilha tirċievi Għajnuna Soċjali u l-paga fil-ġimgha trid tkun tal-anqas ekwivalenti għal 10 sigħat xogħol bir-rata fis-siegħa tkun dik tal-Paga Minima Nazzjonali. Fil-każ fejn il-persuna tkun taħdem fuq bażi *part-time*, min iħaddem jitħallas 12.5% tal-benefiċċju għal tlett snin.

**Tnaqqis Gradwali tal-Benfiċċji Soċjali (Żwieġ)**

Mill-1 ta' Jannar 2015, persuna li tkun ilha tirċievi Għajnuna Soċjali għal sentejn fl-aħħar tlett snin u tiżżewweġ jew tidħol f'unjoni ċivili ma' persuna li tkun qiegħda taħdem b'paga tal-anqas ekwivalenti għall-Paga Minima Nazzjonali fil-ġimgħa, ikollha d-dritt għal 65% tal-benefiċċju fl-ewwel sena, 45% tal-benefiċċju fit-tieni sena u 25% tal-benefiċċju fit-tielet sena. Minn din il-miżura bbenefikaw 72 persuna.

**Youth Guarantee**

Mill-1 ta' Jannar 2015, persuni li jkunu għadhom taħt it-23 sena li ma jkunux qiegħdin jipparteċipaw fi studji edukattivi jew jaħdmu bdew jiġu avviċinati sabiex jipparteċipaw fil-*Youth Guarantee* mħaddma mill-Ministeru għall-Edukazzjoni u x-Xogħol.

**Programm ta' *Benefit Regularisation***

Matul l-ewwel xahrejn tas-sena 2015, il-benefiċjarji soċjali kollha ġew avżati sabiex jersqu lejn id-Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali u jirrapurtaw xi inkonsistenzi li jaħsbu li għandhom fil-ħlasijiet li jirċievu. B'kollox irrikorrew 236-il benefiċċjarju soċjali.

**Pensjonijiet għal Diżabilità**

B'effett minn Jannar 2015, tneħħa l-provediment illi jitnaqqas b'mod sħiħ l-eċċess li persuna taqla' aktar mill-paga minima nazzjonali minn impjieg sabiex tibbenefika mill-Pensjoni għal Diżabilità. Persuni li jirċievu Pensjoni għal Diżabilità issa jistgħu jaqilgħu aktar mill-Paga Minima Nazzjonali fil-ġimgħa u jżommu d-dritt għal din ix-xorta ta' pensjoni. Matul is-sena 2015,339 kienu qiegħdin jaħdmu fuq bażi *full-time* u 248 fuq bażi *part-time*.

**Neuro Myelitis Optica**

Din il-kundizzjoni ġiet introdotta fid-definizzjoni tal-Att dwar is-Sigurta' Soċjali (Kap 318) ma' kundizzjonijiet oħra li jikkwalifikaw persuna għal Pensjoni għal Diżabilità.

**Unit għall-Amministrazzjoni tal-Verifika u Pproċessar tad-*Data***

Il-Unit għall-Amministrazzjoni tal-Verifika u Pproċessar tad-*Data* fi ħdan id-Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali hija responsabbli għal proċessi tal-pagamenti tal-benefiċċji, pensjonijiet u assistenza kollha li jiġu mħallsa. Din il-unit hija responsabbli wkoll għall-korrrispondenza kollha ġġenerata tal-pagamenti li jsiru mis-sistema kompjuterizzata tad-Dipartiment.

- Numru ta' ċekkijiet maħruġa: 554,996
- Numru ta' pagamenti diretti f'kontijiet bankarji: 1,558,853
- Numru ta' korrispondenza maħruġa: 936,631
- Numru ta' files proċessati tal-Benefiċċju tal-Enerġija: 104
- Numru ta' ħlasijiet ġġenerati minn dawn il-proċessi: 124,525.

**Appelli lill-Arbitru**

Din it-tabella turi n-numru ta' appelli li daħlu u nstemgħu anke aktar minn darba fis-sena 2015 meta kkomparati mas-sena ta' qabel.

| **Appelli** | | **2014** | | **2015** |
|---|---|---|---|---|
| A. Numru ta' appelli għas-smigħ: | | | | |
| (i) Miġjuba mis-sena ta' qabel | 676 | | 897 | |
| (ii) Appelli mibgħuta din is-sena | | | 965 | |
| (iii) Differiti | 285 | 1926 | 130 | 1992 |
| B. Numru ta' appelli deċiżi: | | | | |
| (i) Deċiżi kontra l-appellant | 448 | | 267 | |
| (ii) Deċiżi favur l-appellant | 87 | | 81 | |
| (iii) Irtirati mill-appellant | 191 | | 230 | |
| (iv) Ikkanċellati | 48 | | 77 | |
| (v) Revokati mid-Dipartiment | 195 | | 151 | |
| (vi) *Sine Die* | 36 | | 30 | |
| (vii) Stennija ta' risposta mill-appellant/Dipartiment | 24 | 1029 | 74 | 910 |
| **Appelli Pendenti** | | **897** | | **1082** |

| Appelli Pensjoni tal-Invalidita' | 2014 | | 2015 | |
|---|---|---|---|---|
| A. Numru ta' appelli għas-smigħ: | | | | |
| (i) Miġjuba mis-sena ta' qabel | 92 | | 84 | |
| (ii) Appelli mibgħuta din is-sena | 92 | | 78 | |
| (iii) Differiti | 17 | 201 | 5 | 167 |
| B. Numru ta' appelli deċiżi: | | | | |
| (i) Deċiżi kontra l-appellant | 24 | | 9 | |
| (ii) Deċiżi favur l-appellant | 52 | | 36 | |
| (iii) Irtirati mill-appellant | 11 | | 10 | |
| (iv) Ikkanċellati | 6 | | 14 | |
| (v) Revokati mid-Dipartiment | 0 | | 16* | |
| (vi) *Sine Die* | 0 | | 3 | |
| (vii) Stennija ta' risposta mill-appellant/Dipartiment | 24 | 117 | 0 | 88 |
| **Appelli Pendenti** | | **84** | | **79** |

* L-appellanti ingħataw il-Pensjoni tal-Invalidità mill-MDB qabel ma kien hemm deċiżjoni mill-Arbitru.

**L-Uffiċċju tal-Informazzjoni u Protezzjoni tad-Data**

Kif isir ta' kull sena, l- Uffiċċju tal-Informazzjoni u Protezzjoni tad-Data baqa' jieħu ħsieb kull każ, kemm jekk kjarifika kif ukoll jekk amministrazzjoni, li tolqot kemm il-Protezzjoni tad-Data kif ukoll l-Att Dwar il-Libertà tal-Informazzjoni.

L-Uffiċċju wieġeb għal 3 każijiet ta' importanza dwar il-Protezzjoni tad-Data matul is-sena 2015, barra minn numru konsiderevoli ta' mistoqsijiet oħra ta' kjarifika fil-ħidma ta' kuljum fejn tidħol il-Protezzjoni tad-Data. Ma kien hemm l-ebda talba matul is-sena 2015 rigward l-Att Dwar il-Libertà tal-Informazzjoni.

Matul is-sena 2015, l-Uffiċċju kompla jieħu ħsieb it-tiġdid tal-informazzjoni, kemm fuq il-websajt fuq l-internet tad-Dipartiment kif ukoll fuq il-websajt interna fuq l-intranet, li tiġbor fiha ġabra kbira ta' riżorsi li l-impjegat jiġi bżonn ta' kuljum fil-qadi ta' dmirijietu.

Dmir ieħor tal-Uffiċċju tal-Informazzjoni u Protezzjoni tad-Data li twettaq ukoll matul is-sena 2015 kien is-superviżjpni u l-koordinazzjoni tas-sehem ta' membri tal-istaff fi programmi tat-televiżjoni u tar-radju biex jagħtu informazzjoni dwar il-benefiċċji soċjali u jippromovuhom.

L-istampar tal-fuljetti ta' informazzjoni dwar il-benefiċċji soċjali ġie pospost minħabba li ġie propost li ijnbidel il-*logo* tad-dipartiment. Għalhekk dan tħalla għal wara li dan jitwettaq.

Fuq xewqa u suġġeriment tas-Segretarju Permanenti, ir-rivista għall-impjegati tad-dipartiment, DSS Link, twaqqfet biex minflokha bdiet tkun stampata ir-rivista SOLID għall-impjegati kollha ta' kull entità li taqa' taħt il-Ministeru għall-Familja u Solidarjetà Soċjali. It-tħejjija, disinn, editjar, stampar u distribuzzjoni ta' din ir-rivista baqa' kollu jitwettaq mill-Uffiċċju tal-Informazzjoni u Protezzjoni tad-Data.

L-Uffiċċju tal-Informazzjoni u Protezzjoni tad-Data kompla jieħu ħsieb il-kompilazzjoni tar-Rapport Annwali tad-Dipartiment, ir-reviżjoni tal-*overview* tad-Dipartiment, id-distribuzzjoni elettronika ta' kull ċirkulari u pubblikazzjoni tal-Gvern bħall-Gazzetta tal-Gvern, notifiki legali, atti u *by-laws*. Dawn tal-aħħar kollha bdew jintbagħtu wkoll lil rappreżentanti maħtura apposta fl-entitajiet li jaqgħu taħt il-Ministeru għall-Familja u Solidarjetà Soċjali biex imbagħad jinbgħatu b'mod elettroniku lill-istaff rispettiv tagħhom.

L-Uffiċċju tal-Informazzjoni u Protezzjoni tad-Data kompla jieħu ħsieb il-manutenzjoni tal-kont ġeneriku tad-Dipartiment li fih id-dipartiment jirċievi applikazzjonijiet għall-benefiċċji, talbiet għall-informazzjoni dwar il- benefiċċji u għadd kbir ta' talbiet oħra.

L-Uffiċċju tal-Informazzjoni u Protezzjoni tad-Data reġa' kien responsabbli mit-tħejjija grafika ta' kull materjal stampat bħal *posters*, fuljetti ta' informazzjoni, it-tħejjija u l–organizzazzjoni ta' attivitajiet soċjali kif ukoll ta' taħriġ b'mod speċjali, il-Ġimgħa DSS u s-seminar annwali.

L-istaff tal-Uffiċċju tal-Informazzjoni u Protezzjoni tad-Data attenda wkoll għall-seminars u konferenzi u assista lill-parteċipanti li offrew informazzjoni dwar is-sigurtà soċjali f'numru ta' attivitajiet u fieri lokali.

**Staff**

Matul is-sena 2015, in-numru tal-istaff tad-Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali baqa' l-istess meta tqis in-numru li kien hemm fis-sena ta' qabel, inklużi staff mill-IPSL u ERL, skont din it-tabella ta' hawn taħt:

| | **31.12.2014** | **31.12.2015** |
|---|---|---|
| Gradi fis-Servizz Ġenerali | 256 | 257 |
| Industrijali/Messaġġieraa | 39 | 36 |
| IPSL | 11 | 10 |
| ERL | nil | 3 |
| **Total** | **306** | **306** |

**Uffiċċji Distrettwali tad-Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali**

Il-għan ewlieni tad-Dipartiment tas-Sigurta' Soċjali huwa dak li joffri kemm assistenza, kif ukoll informazzjoni dwar dak kollu li joffri d-dipartiment lill-komunita' kollha. Dan is-servizz jingħata minn ġewwa 24 Uffiċċju Distrettwali mferxin madwar Malta u Għawdex, kif ukoll mill-Head Office ġewwa l-Belt Valletta u minn l-uffiċċju l-ieħor li qiegħed fir-Rabat Għawdex.

l-imsemmija uffiċini qegħdin ġewwa Ħal Balzan, Birkirkara, il-Fgura, il-Ħamrun, Ħal Luqa, il-Marsa, il-Mosta, l-Imsida, in-Nadur (Għawdex), in-Naxxar, ir-Raħal il-Ġdid, Hal Qormi, r-Rabat, tas-Sliema, il-Qawra, San Ġwann, is-Siġġiewi, il-Belt Valletta, r-Rabat Għawdex, il-Birgu, Ħaż-Żabbar, Ħaż-Żebbug, iż-Żejtun u ż-Żurrieq.

Il-parti kbira tax-xogħol imwettaq minn dawn l-Ufficini Distrettwali huwa li jgħinnu lill-pubbliku fis-sottomissjoni tal-applikazzjonijiet ta' benefiċċji kontributorji u mhux kontributorji, applikazzjonijiet ta' pensjonijiet, kif ukoll ħruġ ta' Numri tas-Sigurta' Soċjali liċ-ċittadini Maltin kif ukoll lil dawk il-persuni barranini wara li jkun sar ivverifikar tad-dokumenti pprovduti.

Persuni li jkunu qed jirregistraw għax-xogħol taħt l-ewwel parti tar-Reġistru tal-ETC, ir-reġistrazzjoni jagħmluha ġewwa l-Uffiċini Distrettwali u dan isir permezz ta' apparat apposta li jaqra is-subagħ tal-persuna. Darba fil-ġimgħa wkoll, persuna li għandhom l-istatus ta' 'Subsidiary', jmorru jiffirmaw fuq formola PA139 sabiex dawn ikomplu jirċievu l-Għajnuna Soċjali dovuta lilhom.

l-Uffiċini Distrettwali tal-Qawra, il-Belt Valletta, l-Imsida u l-Birgu, jinstabu ġewwa ċ-Ċentri LEAP, fejn ġewwa dawn iċ-Ċentri, flimkien ma' entitajiet oħra bħal ETC, l-Aġenzija Appoġġ joffru s-servizz tagħhom. L-għan tal-proġett LEAP huwa dak li jiġi mogħti servizz sħiħ u kkordinat taħt l-istess saqaf għall-persuni ta' dak ir-reġjun.

Madwar 820,000 persuna rrapurtaw fl-Uffiċini Distrettwali jitolbu xi tip ta' servizz, fejn 85% minnhom ġew moqdija dak il-ħin stess, waqt li oħrajn ġew mogħtija għajnuna permezz ta' telefonata li jkunu għamlu jew permezz ta' ittra eletronika li jkunu bagħtu huma stess. Dan ifisser li medja ta' 131 persuna kuljum f'kull distrett għamlet xi talba għal xi tip servizz.

**Servizz mil-Kunsilli Lokali**

Is-servizz ta' Customer Care li d-dipartiment joffri mhux marbut jew aħjar limitat li jingaħta biss mid-dipartiment. Għal dawn l-aħħar snin dan is-servizz qed jiġi mogħti wkoll mill-Kunsilli Lokali; u izjed ma jgħaddi ż-żmien din it-talba għal dan is-servizz qed dejjem tiżdied għaliex izjed Kunsilli qed jitolbu dan is-servizz, fil-waqt li oħrajn qegħdin jitlobu li jiżdiedu l-ġranet ta' servizz fil-ġimgħa. Kunsilli li jgawdu minn dan is-serivzz huma Birżebbuġa, l-Mellieħa, Ħal Safi, Ħal Kirkop, is-Swieqi, Wied il-Għajn, u x-Xewkija u l-Qala f'Għawdex.

**Servizz minn ġewwa l-Facilita' Korrettiva ta' Kordin**

Sabiex jitnaqqsu t-tbatijiet finanzjarji tal-priġunieri li jkunu waslu biex jiskontaw is-sentenza tagħhom, il-Maniger tar-Raħal il-Ġdid jew il-Kordinatur, jmorru CCF fuq bażi regolari ħalli mhux biss jimlegħu l-applikazzjonijiet iżda wkoll isegwu l-istess applikazzjoni matul il-proċess tagħha. Din il-proċedura qed iseħħ sabiex meta l-priġunier joħroġ minn CCF jkollu flus biex jgħix.

**Is-Set up tal-Uffiċini Distrettwali**

L-iskop li d-dipartiment jagħti l-aqwa servizz u informazzjoni korretta ma humiex kollox għax id-dipartiment jemmen li dan is-servizz għandu jingħata f'ambjent diċenti. L-ambjent ma jservix biss sabiex il-pubbliku jkollu post xieraq fejn jirċievi s-servizz, iżda għax jemmen ambjent sabiħ fuq il-post tax-xogħol jagħti kuraġġ lill-mpjegat li jaħdem fih. L-Uffiċċju Distrettwali tar-Raħal il-Ġdid kien wieħed mid-distretti li ġie rranġat matul din is-sena.

**Applikazzjonijiet *Online***

Wara li fl-2014 ġiet ikkompjuterizzata l-Karta Roża, fis-sena 2015, id-dipartiment ħaseb li jagħti bidu sabiex l-applikazzjonijiet tal-Korriment u tat-Talba għaż-Żwieġ ikunu *online*. Fil-futur qarib hemm il-ħsieb li titpoġġa *online* il-PA109/nota ta' nformazzjoni, kif ukoll il-PA101 (it-Talba għall-Għajnuna Soċjali). Għall-ewwel darba wara ħafna snin, l-każijiet ta' CA u SPA inħadmu mingħajr ma tlabna lill-applikant jimla' l-applikazzjoni, l-informazzjoni kollha ġiet ipprovduta mill-IRD.

**Parteċipazzjonijiet matul programmi fuq il-media u seminars**

Matul is-sena 2015 id-Diretturi, Assistenti Diretturi, Kapijiet ta' Taqsimiet u Kordinaturi Reġjonali attendew għal diversi programmi kemm fuq ir-Radju u fuq it-Televiżżjoni bħal (Niskata, TVPM, Familja Waħda). L-iskop wara dawn il-programmi huwa sabiex ninfurmaw lill-pubbliku x'servizzi joffri d-dipartiment. It-talba mill-pubbliku sabiex id-dipartiment jipparteċipa fi programmi simili qegħda dejjem tikber.

Sabiex kulhadd iżomm ruħu aġġornat ma' dak kollu li qed jiġri fid-dipartiment, kif ukoll sabiex jitjieb is-servizz, id-dipartiment jorganizza seminars u numru ta' laqgħat sabiex iżomm lill-impjegati aġġornati fejn matul dawn il-laqghat/korsijiet ikun hemm drabi fejn jingħataw *'hands on training'*. Id-dipartiment jibgħat lill-ħaddiema għall-korsijiet organizzati mis-CDRT li jkopru diversi temi li l-istess ħaddiema jafu jiġu bżonn waqt il-qadi ta' dmirijiethom.

**Taqsima tar-Relazzjonijiet Internazzjonali (IRU)**

Matul din is-sena 2015, it-Taqsima tar-Relazzjonijiet Internazzjonali (IRU) fi ħdan id-Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali (DSS) kompliet taġixxi bħala l-punt ta' referenza fi ħdan id-DSS għal affarijiet internazzjonali; kemm dawk b'dimensjoni tal-UE u anke fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-ftehimiet bilaterali ratifikati minn Malta tul is-snin. L-IRU hija responsabbli kemm għall-parti operazzjonali tal-implimentazzjoni ta' tali ftehimiet kif ukoll għall-aspett ta' politika. F'dan il-kuntest, is-sena 2015 kienet sena oħra produttiva għat-Taqsima tar-Relazzjonijiet Internazzjonali (IRU) li kompliet taħdem fuq numru ta' kompiti importanti mniżżla hawn isfel.

**Talbiet għall-Pensjoni Pproċessati mill-IRU**

Il-maġġoranza tal-każijiet li ħadet ħsiebhom l-IRU huma każijiet dwar pensjonijiet (tal-Irtirar, tar-Romol u tal-Invalidità). F'dawn l-aħħar snin, in-numru ta' pensjonanti li joqogħdu barra kiber ħafna u għaldaqstant id-dimensjoni internazzjonali tad-DSS żdiedet u qiegħda ssir dejjem iktar relevanti tul is-snin. F'dan ir-rigward, id-dritt għall-moviment ħieles b'konsegwenza tal-adeżjoni fl-UE hu fattur determinanti. Għaldaqstant hemm probabbiltà kbira li din it-tendenza tkompli fil-futur.

Skont l-aħħar statistika rrappurtata hawn isfel, f'din is-sena, l-IRU pproċessat in-numru ta' talbiet għall-pensjoni li ġejjin fejn:

- Numru ta' talbiet li daħlu tirreferi għat-talbiet li waslu minn persuni li joqogħdu barra minn Malta.
- Numru ta' talbiet li ħarġu tirreferi għal talbiet minn persuni li joqogħdu lokalment li qegħdin jitolbu pensjoni minn barra.

| **2015** | **Li daħlu** | **Li ħarġu** |
|---|---|---|
| L-UE | 133 | 182 |
| L-Awstralja | 312 | 236 |
| Il-Kanada | 21 | 98 |
| **Oħra** | **7** | **Mhux Applikabbli** |
| **Totali** | **473** | **516** |

**Ċertifikazzjoni ta' Verifika tal-Intitolament**

Minħabba li n-numru ta' pensjonanti li joqogħdu barra dejjem qed jikber, id-Dipartiment jimplimenta sistema ta' Ċertifikazzjoni ta' Verifika tal-Intitolament bħala salvagwardja kontra każijiet li jistgħu jkunu qarrieqa. Din is-sistema qed tipprovdi d-DSS bl-għodda neċessarja biex iżomm kuntatt ma' pensjonanti li ma jgħixux Malta li magħhom id-Dipartiment m'għandux komunikazzjoni diretta, kif ukoll iżomm rekord aġġornat bid-dettalji tal-qraba.

Permezz ta' din is-sistema, it-Taqsima tar-Relazzjonijiet Internazzjonali hi f'pożizzjoni li tkun taf bit-tibdiliet sinifikanti fiċ-ċirkostanzi ta' kull pensjonant. Formola ta' Ċertifikazzjoni ta' Verifika tal-Intitolament tintbagħat bil-posta fl-indirizz tal-pensjonant, li għandu/ha j/tirritornaha bl-informazzjoni neċessarja dwar kull tibdil fl-indirizz u/jew l-istatus u informazzjoni dwar il-qarib li l-IRU għandha tikkuntattja fil-każ ta' bżonn. Iċ-Ċertifikat għandu jkun approvat u ttimbrat minn xhud uffiċjali. Tali sistema qed tkun utli f'każijiet ta' mwiet mhux irrappurtati ta' pensjonanti għax qed tnaqqas in-numru ta' pagamenti ta' pensjonijiet li mhumiex dovuti.

Dawn li ġejjin huma n-numru ta' Ċertifikazzjoni ta' Verifika tal-Intitolament maħruġa mill-IRU matul l-2015:

| **Pajjiż** | **Ammont** | **Każijiet Sospiżi** |
|---|---|---|
| Il-Kanada | 857* | 15 |
| L-Awstralja | 269 | 33 |
| Ir-Renju Unit | 908 | 62 |
| L-UE (oħra) | 290 | 21 |
| Il-Bqija tad-Dinja | 75 | 11 |

* Il-proċess ta' ċertifikati maħruġa fl-2014 mhux ritornati sar fl-2015.

Barra minn hekk, fid-dawl tal-obbligi li joħorġu mir-Regolamenti tal-UE dwar il-koordinazzjoni tas-sigurtà soċjali (883/2004 u 987/2009), l-IRU kellha twessa' l-mandat tagħha biex tipprovdi għall-pagamenti tal-benefiċċji għall-mard, benefiċċju tal-qgħad, kwistjonijiet ta' assigurabbiltà, aċċidenti fuq il-post tax-xogħol, u mard relatat max-xogħol li jinvolvu element transkonfinali, waqt li jagħtu gwida ta' politika lis-sezzjoni tal-*Allowance* tat-Tfal fi ħdan id-DSS meta jkun hemm każijiet li jikkonċernaw il-benefiċċji tal-familija u ta' maternità.

Fid-dawl tar-responsabbiltajiet imsemmija hawn fuq, matul din is-sena l-IRU pproċessat it-talbiet li ġejjin:

| Formola | Numru |
|---|---|
| U1 (Ċertifikat ta' Assigurazzjoni għall-Benefiċċji tal-Qgħad) | 696 |
| U002 (Dokument Elettroniku Standard għall-Benefiċċji tal-Qgħad) | 7 |
| U004 (Dokument Elettroniku Standard għall-komunikazzjoni tal-Informazzjoni dwar is-Salarju) | 1 |
| U017 (Dokument Elettroniku Standard għall- Komunikazzjoni tar-Rekord tal-assikurazzjoni – Ħaddiem Transkonfinali | 287 |
| U009 (Dokument Elettroniku Standard għall-konferma tar-reġistrazzjoni) | 108 |
| U013(Dokument Elettroniku Standard għall-konferma mensili tar-reġistrazzjoni) | 96 |
| E104 (Ċertifikat ta' Assigurazzjoni għall-Benefiċċji tal-Mard) | 290 |
| E205 (Ċertifikat ta' Assigurazzjoni għal Raġunijiet ta' Pensjoni) | 490 |
| E210 (Notifika tad-Deċiżjoni Dwar Talba għal Pensjoni) | 85 |

**Determinazzjoni tal-Liġi Applikabbli**

Waħda mir-responsabbiltajiet tal-IRU hi d-determinazzjoni tal-leġiżlazzjoni applikabbli. Mit-talbiet mibgħuta lill-IRU għall-assigurabbiltà kontinwa skont is-sistema tas-sigurtà soċjali Maltija, it-Taqsima pproċessat dawk ta' individwi li jaħdmu f'pajjiżi oħra tal-UE l-iktar permezz ta' kollokament. It-Taqsima rċeviet ħafna applikazzjonijiet f'dan ir-rigward. Imbagħad analizzat u eżaminat it-talbiet kollha skont ir-regoli applikabbli. Għaldaqstant it-Taqsima ħarġet 246 formola A1 (Ċertifikat dwar il-liġi tas-Siġurtà Soċjali li tapplika) għal kull każ li kien aċċettat kif mitlub mil-Liġi.

Barra minn hekk, b'rabta mal-obbligi ta' assigurabbiltà msemmija hawn fuq li jitwettqu mill-IRU, matul l-aħħar sena din it-Taqsima kienet involuta f'diversi laqgħat ma' kumpaniji barranin u lokali, partikolarment kumpaniji tan-navigazzjoni, u individwi oħra biex jiddiskutu kwistjonijiet ta' sigurtà soċjali, li joħorġu mir-Regolamenti tal-UE msemmija qabel. L-IRU

wettqet ir-riċerka neċessarja u analizzat il-każijiet ippreżentati. Wara li sar dan l-eżerċizzju, il-partijiet interessati u l-entitajiet involuti ngħataw il-pariri xierqa, fir-rigward tal-pożizzjoni ta' assigurabbiltà tal-individwi impjegati jew li jaħdmu għal rashom li se jkunu impjegati fi Stat Membru tal-UE ieħor u ċittadini tal-UE li se jkunu involuti f'attività ta' impjieg f'Malta.

**Ħruġ *online* ta' Numri tas-Sigurtà Soċjali**

Matul l-2015, id-DSS nieda applikazzjoni *online* għall-ħruġ ta' numri tas-Sigurtà Soċjali. Waqt li din is-sistema ġdida kienet disponibbli għaċ-ċittadini kollha, in-numru ta' ċittadini barranin li bdew jużawha kien konsiderevolment ikbar. Fid-dawl ta' dan l-iżvilupp, l-IRU ħadet ir-responsabbiltà ta' din is-sistema u investiet ir-riżorsi ta' uffiċjal *full-time* għal dan il-kompitu.

Mit-tnedjia inizjali tagħha f'Mejju 2015, sal-aħħar tas-sena, total ta' 6,428 applikazzjoni waslu permezz tas-sistema onlajn. Il-maġġoranza tal-applikazzjonijiet, 5,695 kienu minn barranin waqt li 733 applikazzjoni ntbagħtu minn ċittadini Maltin. Din iċ-ċifra tinkludi wkoll każijiet li kienu rifjutati minħabba informazzjoni ħażina jew minħabba li t-talbiet ma ssodisfawx il-kriterji ta' eliġibbiltà.

**Numru ta' domandi li trattat l-IRU**

L-IRU hija responsabbli wkoll milli tittratta domandi mill-pubbliku. Matul din is-sena, l-IRU rċeviet kważi 7,000 domanda mingħand il-pubbliku ġenerali permezz ta' ittri, faks, personali jew l-aktar permezz tal-imejl (6,266).

**Trasferiment tad-Drittijiet għall-Pensjoni**

Kompitu ieħor importanti mwettaq mill-IRU hu l-ipproċessar ta' talbiet minn impjegati ta' istituzzjonijiet tal-UE li jkunu ħallsu l-kontribuzzjonijiet tagħhom fis-sistema Maltija tas-sigurtà soċjali, u li kif previst mir-Regolament tal-Kunsill 259/68 li jistabbilixxi r-Regolamenti tal-Persunal tal-uffiċjali u l-Kundizzjonijiet tal-Impjieg ta' impjegati oħra tal-Komunitajiet Ewropej, huma offruti l-possibilità li jittrasferixxu d-drittijiet għall-pensjoni akkumulati fl-iskema Maltija għall-iskema tal-UE. F'din is-sena 2015, ġew ipproċessati l-applikazzjonijiet li ġejjin:

| | Applikazzjonijiet riċevuti | Każijiet trasferiti | Każijiet irtirati | Każijiet pendenti |
|---|---|---|---|---|
| **2015** | 18 | 11 | 3 | 4 |

Il-każijiet trasferiti kienu jammontaw għas-somma ta' €403,377,95 li kienet trasferita fl-iskema tal-UE.

**Applikazzjonijiet *Online***

L-IRU hi dejjem impenjata biex ittejjeb is-servizz tagħha u fil-futur se tkompli tagħmel dan. Formola ta' applikazzjoni onlajn għal *E-forms* varji hi diġà disponibbli fuq il-websajt tal-Ministeru. L-introduzzjoni ta' applikazzjoni onlajn għall-ħruġ ta' numru tas-sigurtà soċjali ntlaqgħet bis-sħiħ mit-Taqsima li għenet fid-disinn ta' din is-sistema li issa tipprovdi wkoll għal każijiet internazzjonali.

Wara s-suċċess tas-sistema ta' applikazzjoni *online*, matul l-2015, l-IRU ddisinjat u implimentat żewġ applikazzjonijiet *online* oħra, jiġifieri: l-applikazzjoni *online* tal-formola A1 (Ċertifikat dwar il-leġiżlazzjoni tas-Sigurtà Soċjali li tapplika għad-detentur) u l-applikazzjoni

*online* tal-formola U1 (Ċertifikat dwar il-perjodi li għandhom ikunu kkunsidrati għall-għoti tal-benefiċċji tal-qgħad). Dawn l-applikazzjonijiet ġodda ġew imnedija fl-aħħar tal-2015. Għaldaqstant l-istatistika dwar dawn l-applikazzjonijiet ma tirreferix għall-perjodu taħt skrutinju. Informazzjoni iktar konsolidata se tkun ipprovduta sena oħra.

**Xogħol ta' politika mwettaq fl-2015**

Minbarra l-impenji operazzjonali, l-IRU hija involuta wkoll b'mod attiv fil-qasam tat-tfassil ta' politika. Membri tal-IRU rrappreżentaw lil Malta f'diversi laqgħat fuq livell tal-UE, b'mod partikolari l-Kummissjoni Amminstrattiva għall-Koordinazzjoni tas-Sistemi tas-Sigurtà Soċjali, Gruppi ta' Ħidma tal-Kunsill, Gruppi ta' Ħidma, laqgħat tal-MISSOC u bħala esperti tan-netwerk FRESSCO.

Fis-27 ta' Mejju 2015, Malta organizzat laqgħa tan-netwerk FRESSCO li ttrattat is-suġġett tat-"Turiżmu tal-Benefiċċji: Mit jew Realtà" li hi t-tema attwali fuq livell tal-UE minħabba d-domanda li qed jagħmel il-Gvern tar-Renju Unit sabiex jikkuntrasta dan il-fenomenu u diversi sentenzi li ngħataw dan l-aħħar mill-Qorti tal-Ġustizzja tal-UE (QtĠ-UE) fi Brey, Dano u Alimanovic. Dan is-seminar laqqa' flimkien esperti barranin u lokali fil-qasam tas-sigurtà soċjali li kkunsidraw dan is-suġġett f'iktar dettal. L-IRU kienet involuta fl-aspetti kollha kemm organizzattivi kif ukoll ta' rappurtar ta' din il-laqgħa li kienet avveniment ta' suċċess.

L-IRU ħadet rwol ewlieni fil-kawża tal-qorti li għandha Malta fil-QtĠ-UE dwar it-tnaqqis tal-Pensjonijiet ta' Servizz mill-intitolament tal-pensjonijiet Maltin. Sal-aħħar tal-2015, ma kienet għadha ngħatat l-ebda sentenza formali. Permezz tal-isforzi tal-IRU, Malta kisbet l-appoġġ fuq il-każ minn Stati Membri oħra (b'mod partikolari l-Awstrija u r-Renju Unit) li wkoll għandhom interess fil-każ. Dan l-appoġġ kien ukoll dovut għar-relazzjonijiet ta' ħidma pożittivi li l-IRU rawmet tul is-snin.

Matul din is-sena, id-DSS iffaċċja azzjoni legali permezz ta' kawża fil-qrati Maltin minħabba l-mod kif jiġi implimentat it-Trasferiment tad-Drittijiet għal Pensjoni preskritt taħt ir-Regolament tal-Kunsill 259/68. L-IRU kienet assenjata l-kompetenza f'dan ir-rigward peress li tali trasferimenti jaqgħu taħt il-mandat tagħha kif irrappurtat iktar kmieni. Fl-2015, kien hemm 4 seduti l-qorti dwar dan il-każ. Hu mistenni li dan id-dibattitu jitkompla fis-sena li ġejja.

Fl-istess ħin, l-IRU hija involuta b'mod attiv fil-preparamenti kontinwi għall-Presidenza tal-Kunsill tal-UE li ġejja fl-2017 fejn rappreżentanti tal-IRU se jkunu responsabbli għal-laqgħat tal-Kummissjonijiet Amminstrattivi u Tekniċi kif ukoll għall-organizzazzjoni tal-laqgħa tan-netwerk MISSOC. Minbarra l-preparamenti loġistiċi, il-persunal tal-IRU se jirċievi taħriġ intensiv dwar proċedimenti operazzjonali tal-laqgħat relatati sabiex ikun hemm immaniġjar xieraq ta' tali laqgħat waqt il-Presidenza.